Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

11 ta' Frar 2017

**Il-Wieħed u Sebgħin Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa ser ssir nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2017 fis-6.00pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AĠENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Mozzjoni dwar l-approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2016
6. Mozzjoni dwar l-approvazzjoni tal-Estimi 2016 u l-Pjan ta' Ħidma 2017 – 2019
7. Finanzjament taħt il-Mizuri 4.3. u 4.4 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
8. Ftehim ta' Koperazzjoni Reġjonali dwar Installazzjoni u Manutenzjoni ta' Dwal fit-Toroq
9. Disinjar taċ-Ċentru ta' Interpretazzjoni dwar it-Tunnara fil-Batterija ta' Westreme
10. *Policy* dwar attivitajiet kbar fil-bajjiet

Materji oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## MOZZJONI

**5. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo li tgħid:**

"Billi l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2016 ġew spjegati fid-dettal waqt seduta tal-Kunsill u ma kienx hemm punti li baqa' lok ta' aktar diskussjoni dwarhom, kif ukoll wara li Kunsill kien konvint li r-rapport imressaq jirrifletti l-andament tal-operat tiegħu matul is-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016;

Il-Kunsill jirriżolvi li japprova r-Rapport Finanzjarju u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawħ u jgħadduh lill-Uditur Ġenerali, skont il-Proċeduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).". (F/1/2/Vol VIII)

Clayton Bartolo
**Viċi Sindku – Proponent**

Patrick Cutajar
**Kunsillier - Sekondant**

**6. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:-**

"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ippreżentati l-Estimi u l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u

U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nri. 67, 68 u 69 tal-21 ta' Novembru 2016, 14 ta' Diċembru 2016, u 10 ta' Jannar 2017, rispettivament, kif ukoll saru żewġ laqgħat għar-residenti fil-Mellieħa u l-Manikata, skont ma jitlob l-imsemmi Att fis-17 u d-19 ta' Jannar 2017;

Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2017 u l-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2017/2019, skont l-abbozz finali mressaq.". (F/1/27)

John Buttigieg
**Sindku – Proponent**

Joseph Gauci
**Kunsillier - Sekondant**